MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Numru 512/2002

PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI
VS
CARMEL SIVE CHARLES BORG
RAYMOND BORG
SAVIOUR SIVE SILVIO BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Carmel sive Charles Borg ta’ 47 sena, iben John u Riccarda nee’ Said, imwieled Qormi fit-28 ta’ Lulju 1954, residenti fl-indirizz 10, San Gandolfo, Triq Sir Walter Scott, Birguma, Naxxar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 617654(M); Raymond Borg ta’ 45 sena, iben John u Riccarda nee’ Said, imwieled Qormi, fit-22 ta’ Frar 1956, residenti fl-indirizz 7, Triq Valletta, Attard u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 194856(M); Saviour sive Silvio Borg ta’ 44 sena, iben John u Riccarda nee’ Said, imwieled Qormi fit-13 ta’ Gunju 1957, residenti fl-indirizz

40, Triq Oliver Agius, Attard u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 503757(M).

Billi huma akkuzati talli bejn l-1 ta' Mejju 1999 u l-31 ta' Lulju 2001 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li jew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita' taghhom ta' Diretturi tas-socjeta' "M.C.M. Aluminium Limited", approprjaw rwiehhom, billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuni ohra, is-somma ta' 42,657.25 Euro (ekwivalenti ghal Lm18,312.77) migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilhom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tad-29 ta' Awwissu 2007 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-digriet tat-13 ta' Gunju 2007 fejn il-Qorti laqghet talba ghal separazzjoni tal-gudizzju b'referenza ghall-imputat Saviour sive Silvio Borg stante illi dan kien siefer permanentement;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati Carmel sive Charles Borg u Raymond Borg;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputati zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, l-Qorti ssib lill-imputati, Carmel sive Charles Borg u Raymond Borg, hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputati, Carmel Borg u Raymond Borg taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn. In oltre', il-Qorti qeghedha taghraf l-obbligu ta' l-imputati fil-verbal tas-16 ta' Novembru 2009 fejn obligaw irwiehom illi jhallsu l-bilanc tas-somma dovuta lil VAT Department u cioe s-somma ta' Euro 26,498.53 b'rata mensili ta' Euro 1,500 bejniethom fix-xahar u dana tul it-tmintax-il xahar li gejjin. Dan l-obbligu gie ffirmat fil-prezenza tal-Qorti mill-imputat Carmel sive Charles Borg, Raymond Borg u raprezentant tal-VAT Department Paul Scicluna.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont konsiderevoli ta' flus dovuti lil VAT Department, li parti sostanzjali minnha gew imhallsa fil-mori tal-kawza. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi kien hemm tilwim serju bejn il-*partners* tal-kumpanija ta' socjeta' indikata fl-akkuza li kien ir-raguni ewlenija ghal nuqqas ta' hlas tat-taxxa dovuta lil Gvern.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------